Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għaż-żgħażagħ li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ bl-għajnuna tal-komunità Nisranija: jalla jikbru fl-imħabba bil-ġenerożità, il-fedeltà u s-sabar.



**Qari**: *Mill-Udjenza Ġenerali li għamel Papa Franġisku fl-24 t'Ottubru 2018*

Is-sejħa għall-ħajja miżżewġa, għalhekk, teħtieġ dixxerniment profond dwar il-kwalità tar-relazzjoni li l-koppja għandha, kif ukoll dwar iż-żmien tal-għerusija, biex tkun tista' tikkonferma dan l-impenn. Meta jersqu lejn is-Sagrament taż-Żwieġ, il-koppja impenjata trid tkun ċerta li l-id ta' Alla tinsab fir-rabta tagħhom u li kienet qed tħejjilhom it-triq u takkumpanjahom, biex b'hekk huma jkunu jistgħu jgħidu: 'Bil-Grazzja ta' Kristu nwiegħed li nkun fidil lejk għal dejjem'. Huma ma jistgħux iwiegħdu lil xulxin fedeltà 'fir-risq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa', u li jħobbu u jonoraw lil xulxin tul il-jiem kollha ta' ħajjithom, sempliċament fuq il-bażi ta' rieda tajba jew tat-tama li ż-żwieġ 'se jaħdem'. Jeħtieġ li jkollhom bażi soda u jkunu ankrati fl-imħabba fidila ta' Alla. U din hija r-raġuni għaliex, qabel ma wieħed jirċievi s-Sagrament taż-Żwieġ, għandu jkun hemm preparazzjoni bir-reqqa, anzi, ngħid katekumenat. Tlieta jew erba' laqgħat fil-knisja parrokkjali ma jistgħux jiġu definiti bħala 'preparazzjoni għaż-żwieġ': le, din mhix preparazzjoni: din hija preparazzjoni falza.

Mulej, inti għallimtna kif inħobbu tassew lil xulxin.
Urejtna kif għandna nuru ħniena u kompassjoni ma' xulxin.
Fuq kollox għallimtna kif għandna nafdaw fil-Missier.
Id-dinja tal-lum tgħallimna bil-kuntrarju,
għax tigglorifika l-individwaliżmu.
Il-bniedem sar moħħu biex jakkwista u jgawdi kemm jista',
anke jekk biex jagħmel dan, jgħakkes lil ħaddieħor.
Ir-ritmu tal-ħajja sar imgħaġġel wisq u joħloq ħafna stress
u ħadd m'għad għandu ħin għal xejn u għal ħadd.
Mulej, nixtieq nitlob għaż-żgħażagħ
li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ.

Agħtihom il-kuraġġ biex iwarrbu l-valuri tad-dinja tal-lum
ħalli jkunu jistgħu jikbru fl-imħabba bil-ġenerożità,
u b'hekk jibqgħu fidili lejn l-imħabba ta' xulxin.
Għinhom, Mulej, ħalli jkollhom is-sabar
biex jagħdru lil xulxin
u jirsistu biex jifhmu lil xulxin.
B'hekk huma jikbru flimkien fl-imħabba,
u meta jonqsu lil xulxin, ikunu jistgħu jħallu
l-maħfra u l-imħabba jibnuhom u jsaħħuhom,
ħalli tikber l-għaqda ta' bejniethom.
Mulej, agħtihom id-dehen biex jifhmu li mhux
kif jinqala' l-ewwel intopp, kulħadd imur għal rasu,
iżda għandhom jieħdu ż-żmien tal-għerusija
bħala tħejjija bis-serjetà għaż-żwieġ.
Għinhom ħalli ma jidħlux għaż-żwieġ
bl-idea li kollox irid jibqa' għaddej bħal qabel.
Agħtihom il-kuraġġ biex jaċċettaw il-fatt
li, la issa m'għadhomx weħidhom,
huma ma jistgħux jagħmlu biss dak li jogħġob lilhom
u dak li jixtiequ huma biss,
għax issa jridu jibdew jaħsbu
kif, kull deċiżjoni li se jieħdu,
se tolqot lir-raġel jew lill-mara tagħhom.
B'hekk huma ma jsibux diffikultà kbira
biex jifhmu li jkun jaqbel li d-deċiżjonijiet jittieħdu flimkien.
Agħtihom il-grazzja, Mulej, biex matul iż-żmien tal-għerusija,
huma jsiru jafu iktar lis-sieħeb jew sieħba tagħhom,
u li dan jagħmluh flimkien bil-għan
li jimmaturaw flimkien,
u li jikbru fl-imħabba lejn xulxin.
Għinhom, Mulej, biex, kif għamel Ġesù wara l-Magħmudija,
huma jħallu l-iSpirtu jmexxihom f'kull ma jagħmlu,
biex b'hekk huma jitgħallmu jduru lejh aktar spiss.

**KANT**

**Qari:** *Il-Ferħ tal-Imħabba Kap 6 par 207*

Hemm bosta modi tajbin kif nistgħu norganizzaw it-tħejjija fil-qrib għaż-żwieġ, u kull Knisja lokali trid tiddixxerni hi liema hi l-aħjar mixja għaliha, u tipprovdi formazzjoni xierqa li fl-istess waqt ma tbegħidx liż-żgħażagħ mis-sagrament. M'aħniex qed nitkellmu fuq li nagħtuhom il-Katekiżmu kollu, lanqas li nimlewhom b'ħafna argumenti. Anki f'dan il-każ, fil-fatt, 'mhux il-ħafna tagħrif li jimla u jaħji r-ruħ, imma li l-affarijiet tħosshom u tiggustahom f'qalbek'. Iktar tinteressa l-kwalità mill-kwantità u, flimkien ma' xandir imġedded tal-kerygma, irridu nagħtu prijorità lil dawk il-kontenuti li, mgħoddija b'mod attraenti u kordjali, jgħinuhom jimpenjaw ruħhom f'mixja għal ħajjithom kollha 'b'qalb kbira u bil-ġenerożità'. Hi bħal xorta ta' 'inizjazzjoni' għas-sagrament taż-żwieġ li tfornihom bl-elementi meħtieġa biex jistgħu jirċevuh bl-aħjar dispożizzjonijiet u jibdew fuq is-sod il-ħajja tal-familja.

Mulej, agħti l-għajnuna lill-miżżewġin
ħalli huma jagħtu eżempju bil-ħajja tagħhom ta' kuljum
lil dawk li qed iħejju biex jiżżewġu, u li, bl-eżempju tagħhom,
ikunu xhieda li ż-żwieġ nisrani jista' jirnexxi minkejja d-diffikultajiet.
Jalla meta huma jaraw dan l-impenn tal-miżżewġin l-oħra,
iħarsu ż-żwieġ tagħhom,
u jgħinu lil xulxin jikbru fl-imħabba.
B'hekk huma jibdew jifhmu li żwieġ nisrani
hu wkoll possibbli fil-ħajja tal-lum.
Mulej, il-Papa qal li ż-żgħażagħ iridu jħarsu lejn iż-żwieġ
bħala vokazzjoni li Alla jagħti,
għax iż-żwieġ hu qabel xejn l-iskoperta
ta' sejħa li l-Mulej Alla jkun qed jagħmlilhom.
Għinhom, Mulej, ħalli jifhmu li int
qed issejħilhom sabiex jitqaddsu flimkien.
Agħtihom l-għajnuna sabiex huma jifhmu li l-għażla
li huma jagħmlu biex jiżżewġu bi żwieġ Nisrani,
għandha tissarraf f'għotja totali lil xulxin
u mhux biss sempliċi qbil fil-ġibda
jew is-sentiment ta' mument, jew ta' żmien qasir.

## KANT

### Nitolbu flimkien

Mulej, nitolbuk sabiex iż-żgħażagħ li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ, jindunaw li għandhom bżonn jinvestu l-ħin u l-isforzi kollha tagħhom biex ir-relazzjoni tagħhom tkun waħda mibnija fuq l-imħabba, is-sinċerità u l-fiduċja.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex tagħti d-dehen lill-koppji li qed iħejju għaż-żwieġ, ħalli jirrealizzaw li ż-żwieġ mhux xi ħrafa jew xi rumanz ġo film fejn kulħadd jgħix kuntent għal dejjem. Għinhom jifhmu li fiż-żwieġ trid twarrab l-interessi tiegħek biex taħdem kemm tiflaħ għall-familja, biex b'hekk huma jippreparaw bis-serjetà għal dan is-sagrament.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex il-koppji żgħażagħ li qed iħejju biex jiżżewġu, jiftħu l-bibien ta' qalbhom u jilqgħu lil Ġesù fil-ħajja tagħhom u sabiex huma jitolbuh biex jagħtihom is-saħħa u l-grazzja biex jikkommettu ruħhom għal tul ta' żmien fil-ħajja taż-żwieġ.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħti l-għajnuna tiegħek lil dawn iż-żgħażagħ li qed iħejju biex jiżżewġu sabiex huma jifhmu li hemm bżonn jinvestu l-ħin u l-isforzi kollha tagħhom biex ir-relazzjoni ta' bejniethom fiż-żwieġ taħdem sewwa, għax ikunu ppreparaw għaliha matul l-għerusija.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu skont l-intenzjoni tal-Papa sabiex iż-żgħażagħ li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ bl-għajnuna tal-komunità Nisranija, jikbru fl-imħabba bil-ġenerożità, il-fedeltà u s-sabar.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.